




# Il-korsa taż-żwiemel fil-Marsa

*Josef Azzopardi - Viċi Sindku, Kunsill Lokali Marsa*

Matul l-istorja ta' pajjiżna naraw kif il-Maltin kienu jħobbu jtellqu ż-żwiemel, il-ħmir u anki bhejjem oħra b'mod speċjali waqt festi importanti fil-gżejjer Maltin. Jekk titla' t-telgħa li mis-Siġġiewi tieħdok lejn is-Saqqajja r-Rabat, sal-lum għadek tara minn fejn kienet tibda u tispiċċa t-tellieqa tradizzjonali tal-Imnarja u l-loġġa tal-palju fejn kien jiġi ppremjat ir-rebbieħ. Il-Kavallieri kienu jħobbu ħafna dan l-isport tant li kellhom anki regoli stretti dwar it-tlielaq taż-żwiemel.

Ir-rebbieħ kien jingħata l-palju li normalment kien ikun xi biċċa drapp bħad-damask jew xi drapp fin ieħor u bosta drabi dan il-palju kien jingħata lill-knisja li minnha jkun ġej ir-rebbieħ. Wieħed ukoll isemmi tlielaq oħra li jsiru, fosthom dik tar-Rabat Għawdex li ssir bħala parti mill-festa ta' Santa Marija.

Tajjeb infakkar li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-ftuħ ta' Triq Diċembru Tlettax fil-Marsa kienu saru t-tlielaq taż-żwiemel. Din il-ħaġa ma kinitx ġdida għal dak iż-żmien għax, anki kif qalli s-Sur Pawlu Dimech, mhux l-ewwel darba li saru t-tlielaq taż-żwiemel fi Triq Stiefnu Zerafa fl-okkażjoni tal-festa tas-Santissima Trinità.

Iżda l-konnessjoni tal-Marsa maż-żwiemel tmur lura għas-seklu 19, proprjament fl-



1868, kważi 150 sena ilu, meta grupp mill-Militar u uffiċjali tan-Navy flimkien ma' xi nobbli Maltin iffurmaw l-ewwel kumitat bl-isem ta' 'Malta Race Committee'. Il-Marsa ntgħażlet biex tinbena l-itwal korsa taż-żwiemel fl-Ewropa. Fil-fatt it-tul tagħha kien ta' mil u tliet kwarti b'wisa' ta' 27 metru.

Il-proġett kien wieħed ambizzjuż ħafna u fil-bidu seta' kien hemm il-qtigħ il-qalb iżda l-kumitat kompla jinsisti b'determinazzjoni sabiex din il-ħolma sseħħ. L-art li ntużat ma kinitx waħda lixxa iżda żewġ għoljiet ġew imwittija u l-art ġiet illivellata biex tagħmel spazju għall-korsa.

Il-ħolma saret realtà meta fit-12 u t-13 ta' April 1869 saru l-ewwel tlielaq fejn żwiemel Ingliżi, Għarab, mill-Afrika ta' Fuq (Barbs) u Spanjoli ġrew għal kważi żewġ mili. Għall-ewwel it-tlielaq kienu tad-dilettanti iżda

*ikompli f'paġna 85*



matul iż-żmien bdew isiru professjonali ħafna. Għas-snin 40 tas-seklu l-ieħor żdiedu wkoll it-tlielaq tal-ponijiet bis-serkin.

Peress li l-korsa kienet twila ħafna kien impossibbli li ssegwi t-tellieqa sħiħa u allura fl-1973 il-kumitat iddeċieda li jqassar il-korsa. Il-proġett kien fdat f'idejn il-Perit Mouro li l-pjanta ibbażaha fuq dawk Taljani. F'Marzu 1981 saret l-inawgurazzjoni tal-korsa l-ġdida b'tinda li tesa' elfejn ruħ.

Il-korsa l-ġdida tat ħajja lill-inħawi u diversi ħwienet fetħu fil-madwar. Madwar il-korsa mtela bir-remissi biex tkun aktar faċli li min ikollu ż-żwiemel ikun qrib l-istess korsa. Din il-komunità magħmula min-nies dilettanti taż-żwiemel għandha wkoll il-kappella tad-Duluri li tinsab fl-istess triq tal-korsa biex taqdi d-dmirijiet reliġjużi tal-Insara. Il-kavallerija tal-pulizija wkoll kienet telqet mill-Belt Valletta u sabet postha l-Marsa fejn għadha sal-lum. Maż-żmien iż-żona kibret ferm u kull biċċa art vojta li kien hemm fil-madwar ġiet meħuda biex jinbnew ir-remissi.

Informazzjoni minn:

Horse Racing in Malta: https://vassallohistory.wordpress.com/horse-racing-in-malta/
Malta Racing Club History: http://www.maltaracingclub.com/timeline.php
Il-Kavallerija tal-Pulizija: https://pulizija.gov.mt/mt/police-force/police-sections/Pages/Mounted-Section.aspx